# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2002 .

### Avviz numru : 15/1993G1(PC)

**Joseph Vella**

**Vs**

**Salvu Vella .**

**Il-Qorti ,**
**Rat l-avviz li permezz tieghu, l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti li jizgombra definittivament u jirrilaxxja a favur tal-attur il-porzjon raba msejjha "Ta' Pacokk", limiti tax-Xewkija, Ghawdex, li kienet l-oggett tal-Avviz Numru 40/91 fl-ismijiet "Joseph Vella –vs- Salvu Vella", cedut fit-12 ta' Marzu, 1992 u dana peress illi skond verbal tat-transazzjoni tal-istess gurnata quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-Avviz hawn fuq imsemmi, huwa obbliga ruhu li jirrilaxxja din il-parti lill-attur sal-15 ta' Awissu 1992 wara li huwa a xelta tieghu jassenjalu nofs tomna raba mit-territorju in kwisjtoni, liema nofs tomna raba giet debitament lilu offruta u rrifjutata minnu u dana fiz-zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, prevja wkoll id-dikjarazzjoni li huwa naqas jaderixxi mal-verbal tat-transazzjoni milhuq quddiem dina l-Onorabbli Qorti fit-tnax (12) ta' Marzu, 1992, hawn anness u markat dokument "A" u li ghalhekk konsegwentament huwa qieghed jokkupa l-istess porzjon raba minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Awissu 1992 u dik ufficjali ta' Dicembru 1992, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .**

**Bir-riserva ghal tal-azzjoni ghad-danni .**

**Ghal fini tal-kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-istess porzjon raba ma jaccedix is-somma ta' ghaxar liri (Lm10) maltin.**
**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvu Vella li biha eccepixxa:**

1. **Illi l-verbal imsemmi mill-attur baqa' ma giex esegwit minhabba li l-istess attur naqas li jesegwixxi l-parti tieghu tal-verbal u jassenja lill-konvenut in-nofs tomna raba .**

2. **Illi fi kwalunkwe kaz il-lokazzjoni raba "che quo agiter" tifforma parti mill-wirt u successjoni tal-genituri tal-kontendenti . Il-verbal imsemmi kellu biss ikun arrangament temporanju sakemm issehh id-divizjoni tal-assi ereditarja . Illum il-konvenut ipprezenta citazzjoni ghad-divizjoni tal-istess assi li hija citazzjoni numru 30/93 (MM) fl-ismijiet "Salvu Vella –vs- Joseph Vella" appuntata ghall-ewwel ta' April 1993 .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2001, fejn gew prezentati kapitoli fil-konfront tal-konvenut peress illi dan naqas illi jattendi ghas-smiegh ta' dik il-kawza fid-data indikata .**

**Innutat li l-istess konvenut imsejjah tlett darbiet naqas illi jattendi anke llum ghall-udjenza illi kienet giet iffissata din il-kawza ghal-lum, ghal hekk fethet il-kapitoli pprezentati fl-udjenza precedenti . L-istess kapitoli ta' l-attur jaqraw "Kapitoli tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut li bihom irid jipprova li l-konvenut Salvu Vella qieghed jokkupa l-porzjon raba imsejjha 'Ta' Pacokk', limiti tax-Xewkija, Ghawdex, oggett tal-avviz Numru : 40/91 fl-ismijiet : 'Joseph Vella –vs- Salvu Vella', ceduta fit-12 ta' Marzu 1992 minghajr ebda titolu validu fil-ligi" .**

**Ghal hekk, il-Qorti, tiddikjara dawn il-kapitoli ammessi skond il-ligi, u tiddecidi din il-kawza, in vista ta' din l-ammissjoni, billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut Salvu Vella qieghed jokkupa l-porzjon raba msejha "Ta' Pacokk", limiti tax-Xewkija, Ghawdex, oggett ta' l-avviz Numru: 40/91, fl-ismijiet 'Joseph Vella –vs- Salvu Vella' ceduta fit-12 ta' Marzu, 1992, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u konsegwentement tordnalu jizgombra mill-istess art fi zmien xahar mil-lum .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-10 ta' Awissu, 1992, u dik ufficjali ta' Dicembru, 1992, kontra l-istess konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S1593G2(Pc)
546